MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 1752/2002

**Mobisle Communications Limited**
**vs**
**Antoine Hili**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta’ Lm709.58 (seba’ mija u disa’ liri Maltin u tmienja u hamsin centezmu) rapprezentanti bilanc ta’ prezz dovut mill-istess konvenut lil Mobisle Communications Limited skond Client Contract Number 04139 in rigward ghal servizzi lill-konvenut rezi mis-socjeta’ attrici u dana fix-xhur bejn Lulju 2001 u Marzu 2002.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tat-23 ta’ April 2002, dawk tal-mandat ta’ sekwestru pprezentat kontestwalment mal-avviz tat-talba u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut baqgha kontumaci;

Sema’ lil P.L. Peter Sammut bil-gurament li l-ammont ghadu dovut;

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jilqa’ it-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ Lm709.58 (seba’ mija u disa’ liri Maltin u tmienja u hamsin centezmu) dovuti ghal servizzi telefonici.

Bl-ispejjes u l-interessi skond il-ligi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------